# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-15 ta' Novembru 2022***

**Rikors Numru : 212/2018 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**AS**

**Vs**

**ES**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AS datat 2 ta' Awwissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet zzewgu bir-registru fil-31 ta' Awwissu tas-sena 1978, hekk kif jidher minn kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok AS1;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;*

3. *Illi l-partijiet kienu ffirmaw kitba taz-zwieg fl-atti tan-Nutar Remigo Zammit Pace data tit-28 ta' Awissu 1978, li permezz taghha eskludew il-Kommunjoni tal-Akkwisti u ghazlu li z-zwieg taghhom ikun regolat permezz tar-regime tas-Separazzjoni tal-Beni (Dok. AS2);*

4. *Illi l-hajja matrimonjali ilha inezistenti ghal bosta zmien tant li l-partijiet ilhom separati de facto ghal fuq minn ghoxrin (20) sena u ma hemmx tama ghal rikonciljazzjoni;*

5. *Illi saru diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju, anke tramite l-process ta' medjazzjoni, li sfortunatament ma tatx frott;*

6. *Illi l-attur gie debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tintavola dawn il-proceduri permezz tad-digriet hawn anness u mmarkat Dok AS3.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi kontendenti;*

2. *Tordna li l-konvenuta trod lura l-arlogg tat-tip "Hunter's watch" flimkien mal-katina tieghu, li l-attur kien xtara mill-Londra;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attur kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' ES datata 13 ta' Novembru 2019, a fol 21, li taqra hekk:

1. *Illi l-ewwel talba tal-esponenti ghandha tigi michuda limitatament in kwantu filwaqt li l-esponenti taqbel illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, b'dana kollu iz-zwieg ta' bejniethom gie rez impossibli minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi u ngurji gravi da parti tal-attur;*

2. *Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi michuda stante illi l-Hunters watch huwa proprjeta' tal-istess esponenti u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

3. *B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;*

4. *Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt minn issa stess in subizzjoni.*

Rat il-kontro talba guramentata ta' ES datata 13 ta' Novembru 2019, a fol 23 et seqq., li taqra

hekk:

1. *Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi mill-attur kontra l-esponenti rikonvenzjonanti;*

2. *Illi l-partijiet huma separati de facto wara li l-konvenut rikonvenzjonat abbanduna d-dar konjugali definittivment aktar minn ghoxrin sena ilu;*

3. *Illi minkejja dan kollu, l-istess intimat rikonvenjonat qatt ma vversa manteniment versu l-esponenti rikonvenzjonanti;*

4. *Illi r-rikonciljazzjoni mhix possibli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi S ghar-ragunijiet premessi mputabbli lill-attur rikonvenjonat ta' abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi kontra l-istess esponenti rikonvenzjonanti;*

2. *Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat interament jew in parti id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 sa 51 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta)*

3. *Tordna lill-attur sabiex ihallas lill-esponenti rikonvenzjonanti dak il-manteniment xieraq u adegwat illi jigi ffissat mill-istess Onorabbli Qorti, skond il-mezzi tal-attur rikonvenzjonat u l-bzonnijiet tal-istess esponenti, pagabbli mill-attur rikonvenzjonat lill-istess esponenti martu fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew hekk kif jidher xieraq mill-istess Qorti, tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas lill-esponenti, minflok dan il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-esponenti tkun finanzjarjament indipendenti mill-attur.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat rikonvenzjonat li huwa minn issa ngunt in subbizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' AS datata 26 ta' Novembru 2018, ghall-kontro-talba tal-intimata, a fol 26A, li taqra hekk:

1. *Illi l-attur rikonvenzjonat, kif talab fir-rikors tieghu, jaqbel mal-pronunzjoni tas-separazzjoni personali tal-partijiet, izda jaqbel ma' l-ewwel talba limitatament stante li z-zwieg tkisser unikament bil-htija ta' martu, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;*

2. *Illi t-tieni talba ghandha tigi michuda stante li m'ghandhomx jigu applikati kontra l-attur rikonvenzjonat is-sanzjonijiet previsti fl-artikoli imsemmija;*

3. *Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda bl-aktar mod assolut, stante li ES "ilha finanzjarjament independent mill-attur" sa minn qabel ikkontrattat iz-zwieg mal-attur rikonvenzjonat fis-sena 1978. Huwa fatt ben saput illi s-sinjura S minn dejjem kienet benestanti mill-attur rikonvenjonat, tant illi l-genituri taghha kienu insistew illi ssir karta taz-zwieg sabiex iz-zwieg taghhom ikun regolat bir-regime tas-separazzjoni tal-beni. Inoltre, kumbinazzjoni kellha tkun il-kawza ta' separazzjoni istitwita mill-attur rikonvenzjonat sabiex tiskatta talba ta' manteniment da parte tas-sinjura S, minkejja li l-partijiet ilhom l-fuq minn tletin sena jghixu hajja totalment separata minn xulxin u f'dawn is-snin kollha hija qatt ma hasset il-htiega titlob l-ebda ghajnuna finanzjarja jew materjali;*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta rikonvenzjonanti ingunta minn issa stess in subizzjoni.*

Semghet x-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed permezz ta' affidavit (vide fol 40 et seq)** u jispjega illi hu kien jghix l-Ingilterra u iltaqgha mal-intimata fis-sena 1977 gewwa l-Union Club waqt li kien qieghed btala Malta. Illi ftit zmien wara bdew johorgu flimkien. Dak iz-zmien hu kellu disgha u tletin (39) sena filwaqt li l-intimata kienet ftit izghar minnu. Sussegwentement hu iddecieda li jghix Malta u wara xi sena johorgu flimkien, izzewwgu. Il-genituri tal-intimata kienu imponew fuqha li taghmel karta taz-zwieg u jaghmlu s-separazzjoni tal-beni – jew *pre-nuptial agreement*. Illi huma zzewwgu fil-31 ta' Awwissu tas-sena 1978- hu kellu erbghin sena u l-intimata kellha tlieta tletin. Kif izzewwgu marru jghixu fil-villa tal-intimata gewwa s-Swieqi. Il-genituri taghha kienu jghixu bieb ma' bieb maghhom. Dak iz-zmien peress l-intimata kellha xi flus investiti l-Ingilterra kien qalilha biex thallihom hemm u kienu jghixu mid-dhul tieghu biss. Dak iz-zmien kien jahdem bhala *Associate Professor* mal-*Lybian Institute* hawn Malta u kellu paga tajba hafna, pero' maz-zmien minhabba c-cirkostanzi politici kellu jbiddel l-impjieg tieghu u kellu paga ferm inqas. Minkejja l-flus li kienet tircievi, l-attur jistqarr illi l-intimata kienet titqammel mieghu u dan minkejja li hu nefaq hafna flus fuq il-propjeta taghha f'benefikati. Illi minn hemm, iz-zwieg taghhom beda jitfarrak u kien propju meta l-intimata kienet fuq btala gewwa l-Ingilterra m'ommha li l-attur qabad ippakja hwejgu u mar ta c-cwievet tad-dar matrimonjali lill-missier l-intimata u qallu li ser jivvaka d-dar. Kien kera appartament hdejn l-Universita' u maz-zmien irnexxilu jiehu self mill-MidMed Bank biex jixtri appartament. Jishaq illi hu ma jridx il-flus lura imma jrid lura l-arlogg tat-tip Hunter's Watch bil-katina tad-deheb. Izid illi l-intimata ma kienitx fdatu id-dar bid-deheb taghha tant li qabel siefret hadet id-deheb u l-gioelli kollha go *safe deposit* il-bank.

L-attur jixhed illi ormai ilhom separati *de facto* ghal aktar minn tletin (30) sena u jixtieq li f'dan l-istadju tal-hajja tieghu jirregola l-affarijiet tieghu.

**L-attur xehed ukoll viva voce nhar il-5 ta' Dicembru 2018 (vide fol 33 et seq)** u spjega illi qabel iz-zwieg huma kienu ghamlu skrittura quddiem Nutar biex jeskludu l-komunjoni tal-akkwisti u dan fuq insistenza tal-genituri tal-intimata. Hu ma kellux oggezzjoni imma din ma kienitx idea tieghu. Jikkonferma illi d-dar matrimonjali kienet propjeta' parafernali tal-intimata u l-intimata kellha ukoll flus investiti l-Ingilterra f'isimha, kellha xi *bank accounts,* u kellha xi zewg villel u kellha bicca art li ma kienetx zviluppata, liema fondi saru qabel iz-zwieg. Jixhed illi tul iz-zwieg, l-intimata ma bieghet xejn mill-assi li kellha. Jikkonferma illi ormai ilhom mill-1987 ma jghixu flimkien. Jispjega illi ilu ma jkellem lill-intimata minn qabel ma telaq mid-dar matrimonjali ghaliex hu kien telaq meta hi kienet qieghda imsiefra ma' ommha u kien informal ill-missier l-intimata waqt li kkonsenjalu c-cwievet tad-dar. Ikkonferma illi ma kienx sab arlogg tad-deheb illi kien xtara ghalih. Minn dakinhar l' hawn huwa la qatt rega kellem lill-intimata jew

ghex maghha, qatt m'ghaddielha manteniment u qatt ma gie mitlub jghaddilha manteniment. L-attur jirrileva illi huwa pensjonant, u jircievi pensjoni ta' disa' mija u tmenin euro (€980|) fix-xahar. Wara li telaq mid-dar matrimonjali huwa kien kera appartament u sussegwenetment ha self mill-bank biex xtara appartament fl-Msida.

L-attur jishaq illi kien sema minghand habiba li l-intimata kienet qieghda ma' ragel iehor pero' hu qatt ma ra ma' haddiehor. L-attur jikkonferma illi l-intimata qatt ma hadmet waqt iz-zwieg. Izid illi meta zzewweg lill-intimata dan kien it-tieni zwieg taghha ghaliex hi kienet armla u kienet wirtet assi sostanzjali mill-ewwel ragel taghha.

**L-intimata xehdet nhar il-5 ta' Dicembru 2018 (vide fol 44 et seq)** u spjegat illi tul z-zwieg mal-intimat, hi kienet harget tqila tlett darbiet izda kienet korriet f'kull tqala. Tikkonferma illi hi kienet armla meta zzewwget lil attur u tikkonferma ukoll illi xi jumejn qabel iz-zwieg kienu ghamlu kuntratt ghas-separazzjoni tal-beni. Illi l-genituri taghha u huhha gew nieqsa. Tikkonferma illi d-dar fejn kienu jirrisjedu l-genituri taghha saret proprjeta taghha. L-intimata tafferma illi hi qatt ma hadmet waqt iz-zwieg u kien wara li sseparaw li bdiet tahdem u kienu jghinuha anke l-genituri taghha peress li tilfet hafna mill-flus li kellha investiti l-Ingilterra. Tixhed illi hi m'ghandhiex penzjoni. Tirrakonta illi l-attur gieli refa' idjeh fuqha anke fil-presenza ta' ommha.

**Riprodotta nhar it-13 ta' Frar 2019 (vide fol 50 et seq)** u mistoqsija fuq il-korrimenti li kellha, l-intimata tixhed illi kellha zewg korrimenti fis-sena 1982, pero it-tielet korriment ma tiftakarx meta kien. Tnejn minnhom kellha iktar minn tlett xhur tqala. Tispjega illi fl-ewwel korriment kellha taghmel xahar fis-sodda. Illi darba minnhom inzertat ma tiflahx u kienet marret l-Isptar San Luqa biex isiru l-proceduri necessarji wara l-korriment.

**AB[1], ir-ragel ta' oht l-attur xehed permezz ta' affidavit (vide fol 57 et seq)** u spjega illi huwa sar jaf lill-intimata meta l-attur introducieh maghha l-Union Club meta huma kienu gharajjes. Jiftakar illi l-intimata kienet armla u zewgha kien ragel avvanzat fl-eta u kunjomu Stott. Jishaq illi l-intimata kienet mara fanfaruna, u bi kliema riedet turi kemm kellha flus. Ix-xhud jirrakonta illi hu flimkien ma' habib iehor tal-attur kienu ghadu xhieda meta zzewwgu l-kontendenti fir-Registru Pubbliku l-Belt Valletta. Ghalkemm l-intimata ma kienitx tat-tip taghhom kienu jiltaqghu ta' spiss maghhom ghaliex kollha kienu membri tal-Union Club u kienu jiltaqghu kull

[1] Illi kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2021, l-imsemmi xhud gie nieqes fil-mori u ghalhekk ma setghax isir kontro-ezami. (vide fol 319)

nhar ta' Sibt u ghalhekk kienu f'kuntatt kontinwu maghhom. Jispjega illi l-intimata kienet tilbes *form-fitting* u skullat b'dana illi wiehed seta' facilment jinduna jekk kienitx tqila jew le. Ix-xhud jiftakar illi l-itimata kienet wirtet hafna flus wara li gie nieqes l-ewwel ragel taghha u x-xhud sar jaf b'dan kollu minghand l-intimata stess.

**L-intimata in subizzjoni nhar is-6 ta' Marzu 2019 (vide fol 71 et seq)** ikkonfermat illi d-dar residenzjali taghha hija *a fully detached house* u ghandha gnien fuq wara. Illi apparti din id-dar, ghandha ukoll dar *semi detached* ohra bi tlett ikmamar tas-sodda. Tikkonferma illi ormai l-kontendenti ilhom circa tletin sena ma jghixu flimkien. Mistoqsija jekk qatt hassietx il-htiega li taghmel kuntatt mal-attur, isostni illi zmien ilu kienet talbitu l-manteniment u kienu telghu l-Qorti pero kienu inqalghu hafna argumenti ghaliex l-attur ried Lm 10,000. Konfrontata bil-fatt li dan l-ammont kienu flus li nefaq l-attur fiz-zwieg, l-intimata isostni illi l-ewwel sentejn kien ihallas l-attur pero il-bqija tas-snien kienet hi li kienet thallas ghal kollox. Mistoqsija kif ghexet tul dawn l-ahhar tletin sena, l-intimata indikat illi kienet tghix fuq il-flus li hija kellha investiti pero ormai l-interessi m'ghadhomx li kienu tant li spiccawlha.

**Doris Vella Cassar rapprezentanta Mater Dei xehdet nhar it-3 ta' April 2019 (vide fol 77 et seq)** u indikat illi l-file mediku tal-intimata jibda mis-sena 2007.

**Jeanette Lepre rapprezentanta Lombard Bank Malta plc xehdet nhar it-3 ta' April 2019 (vide fol 78 et seq)** u spjegat illi mhemm l-ebda kontijiet f'isem l-intimata u lanqas ma terzi.

**Alison Mifsud Brimmer rapprezentanta HSBC Bank Malta plc xehdet nhar it-3 ta' April 2019 (vide fol 79 et seq)** ma rrizultaw l-ebda kontijiet la fuq isimha u lanqas ma terzi.

**Chantelle Chircop rapprezentanta APS Bank xehdet nhar it-3 ta' April 2019 (vide fol 80 et seq**) u spjegat illi l-intimata kellha s-segwenti kontijiet mal-bank: *savings account term deposit GP* u *savings foreign currency* , illum it-tnejn maghluqin.

**Miriam Sultanta, rapprezentanta Malta Stock Exchange xehdet nhar it-3 ta' April 2019 (vide fol 82 et seq)** u spjegat illi qatt ma kien hemm kontijiet maghhom.

**Fallon Sammut rapprezentant BNF Bank Malta plc xehdet nhar it-3 ta' April 2019** u spjega illi ma kien l-ebda kontijiet.

**Riprodotta nhar it-3 ta'April 2019, l-intimata**, mistoqsija fuq il-korrimenti minnha allegati, tikkonferma illi kellha tliet korriment, u bejn wiehed u iehor meta korrit kellha tlett (3) xhur. F'wiehed minnhom l-intimata tishaq illi "*they had to suck it out*" l-Isptar San Luqa. L-intimata tixhed illi kienu anke marru jarawha tnejn minn hut l-attur id-dar, ghaliex it-tabib kien qalilha biex tibqa' fis-sodda pero xorta wahda korriet.

**L-attur prodott mill-intimata nhar it-22 ta' Lulju 2020 (vide fol 234B et seq)** ikkonferma illi ghandu ormai ghandu tnejn u tmenin (82) sena u tul dan iz-zmien ghamel operazzjoni f'qalbu, izda jinsisti illi l-affarijiet importanti kollha jiftakarhom. Illi l-attur ikkonferma illi qabel ma siefret m'ommha u hu telaq mid-dar, il-kontendenti kienu tkelmu dwar il-finanzi ta' bejniethom – u hu kien spjegalha illi ghandha taghtih Lm 11,000 illi hu kien nefaq fid-dar matrimonjali u talab li dawn jigu ritornati jew ser jitlaq. Illi sakemm kienet imsiefra, hataf l-opportunita u telaq – jafferma illi biex jaghmel tajjeb ghall-arlogg li ma setghax isib – kien ha xi pozati li ghadu ghandu sal-llum il-gurnata li ma jiswiex sold pero ma jahsibx li ha affarijiet ohra hlief xi *desk jar*. Jikkonferma illi wara li l-intimata giet lura mis-safar, ma kien hemm l-ebda kuntatt bejniethom. L-attur jishaq illi qatt ma kien hemm offerti ta' flus-u lanqas ma kien hemm diskussjonijiet – illi pero jirrileva ukoll illi f'punt minnhom kien qalilha illi messhom jaghmlu *transfer* mill-*account* taghha ghall-account li huwa kellu fl-Ingilterra qabel telaq.

L-attur jinnega addirittura li l-attrici kellha tlett korriment u meta mistoqsi dwar il-*hysterectomy* – jishaq illi ma jiftakarx li din qatt saret. L-attur jikkonferma illi hu kellu kumpanija – *Banik Loading Company* li kienet taghmel *blouses* tan-nisa u kien ghamel zmien qasir jahdem mal-kumpanija peress illi hu *lecturer by profession*. Xi sitt xhur wara hu mar jghallem ta' Giorni il *Libyan Institute*. Illi jispjega illi kien sar xi arrangament u anke kienu iffirmaw xi karti fis-sens illi l-intimata xtrat xi magni minghandu biex hu setgha jiehu l-magni u jinnega li l-intimata ghenitu b'mod finanzjarju.

**TS, li tigi oht l-attur xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 237), illi pero dana l-affidavit gie irtirat hekk kif indikat fil-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Marzu 2022.**

**MB, li ukoll tigi oht l-attur xehdet permezz ta' affidavit (vide a fol 258) u filwaqt li fl-affidavit taghha tikkonferma dak rilevat minn zewgha, fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2021 (vide fol 319) ngab a konjizzjoni ta' din il-Qorti illi s-sinjura tbati bid-*demensia*.**

**L-intimata prezentat ukoll affidavit (vide fol 255 et seq)** fejn spjegat illi qabel ma gie lura

Malta, l-attur kien ghamel madwar erbatax –il sena l-Ingilterra fejn anke kien izzewweg mara Ingliza izda spicca biex iddivorzjaha. Sentejn minnhom, kien fuq *scholarship* mill-Gvern Malti. Meta gie lura, hu kien xtaq jibqa' hawn Malta. Illi l-kontendenti iltaqghu fin-1977 u wara xi sitt xhur jinnamraw, izzewwgu bir-Registru peress li hu ma setghax jerga jizzewweg bil-knisja. Qabel ma zzewwgu, l-genituri taghha kienu taw il-parir li ssir kitba taz-zwieg peress li kellha propjeta konsiderevoli. L-attur kien oggezzjona u kien qalilha illi jekk vera thobbu ma kellhiex issir- illi bl-istess argument hi kienet qaltlu illi jekk vera ihobbha ghandu jaccetta kif imbaghad kien ghamel.

Tishaq illi hi kienet taghtu madwar  tlett elef lira maltija (LM 3000) fi flus kontanti biex hallas l-ispejjes tal-ksur tal-kuntratt tal-i*scholarship* – u dana peress li l-attur kien obbligat jaghmel xi snin jahdem Malta wara li jigradwa izda hu kien naqas li jaghmel dan peress li ddecieda li jiehu *sabatical*. Illi meta siefru l-Ingilterra kien talabha £3000 li kienet ghadditlu f'kontanti. Illi ukoll hi kienet investit f'ismu b'self is-somma ta' £5000- izda minn dawn il-flus xejn ma rat lura. Tiddikjara illi ghall-ewwel sentejn taz-zwieg kien hu li beda johrog il-flus ghall-ghixien taghhom u kien jaghtiha l-impressjoni li l-kumpanija li kellu ma huh kienet sejra tajjeb. Illi pero' fit-2 ta' Jannar 1982 tishaq illi kienet giet mqarrqa biex taghti self lill-kumpanija fl-ammont ta' LM 3000 lil din il-kumpanija biex l-istess kumpanija tkun tista thallas xi *liabilities* dovuti, u liema self kienu marbutin mal-magni tal-hjata li spiccaw ta' ingombru fil-*garage* taghha. Illi meta kien qabad jahdem St. Alyosious kienet hi li spiccat thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, tat-telephone, u spejjes ohra mid dhul taghha biss. Illi wara li irrizenja minn San Alyosious – sab impjieg St. Andrews College jghallem studenti libjani b'paga ferm ahjar u anke kienu telghu xahar l-Ingilterra jindokra xi studenti Libyani u kienu anke ghamlu sitt xhur il-Libya fejn huwa kien jahdem bhala *Associate Professor* – wara dan l-impjieg gie ngaggat bhala *lecturer* l-Universita' ta' Malta.

Illi tul l-ghaxar snin li ghamlu flimkien, l-attur kien iffissa fuq il-loghoba *Bridge* u wara x-xoghol kien jitlaq jilghab din il-loghba f'diversi postijiet sa tard bil-lejl. Huma dejjem xtaqu tfal pero ghalkemm harget tqila tlett darbiet, kienet korriet minhabba *fibroids* li kien ikollha.

Tispjega illi meta id-*dividends* taghha mill-Ingilterra bdew jonqsu, kienet kkonfrontatu fuq in-nuqqas li jaghti kontribut u anke ghaliex kien ikun barra mid-dar ghall-hinijiet twal. Illi anke beda jsir vjolenti maghha, tant li darba minnhom anke ratu ommha. Darba minnhom anke marret taghmel certifikat ghand t-tabib. Lejn l-ahhar ta' Ottubru tas-sena 1988, kienet marret l-Ingilterra flimkien ma' ommha u tixhed illi l-attur kien tfantas meta qaltlu li ser tiehu l-*fur coat* maghha. Illi zzid illi kienet regolarment bhala prekawzzjoni poggi diversi giojelli u dehebijiet f' kaxxa sikura

f'bank lokali. Meta telaq kien halla ittra fejn jindika l-affarijiet li ha mieghu. Ftit wara u bi sforz biex forsi ssalva z-zwieg kienet cemplitlu l-universita u talbitu jiltaqghu kif filfatt gara. Meta staqsietu jekk kienx bi hsiebu jerga jirritorna d-dar, hu ma wiegeb xejn u meta staqsietu ghall-affarijiet li kien ha, tispjega illi kien qalilha li kien iddispjacih li ma kienx hadilha wkoll il-purtieri tad-dar. Meta kienet qaltlu illi fic-cirkostanzi ma kellhiex triq ohra hlief li tiftaha proceduri legali ghal-separazzjoni amikevoli, huwa kien qalilha illi jekk ma taghtihx ghaxart elef liri maltin kien ser jaghmililha difficli hafna biex tikseb is-separazzjoni.

Illi eventwalment kienet resqet rikors fis-Sekond Awla izda kien kollu ta' xejn – sadanittant ir-relazzjoni tal-intimat ma Marie Christine Farrugia bdiet tidher iktar fil-berah u anke siefru flimkien f'*tournaments* tal-*bridge*. Illi f'dana l-istadju kien l-attur li fetah kawza ghal separazzjoni. Illi sussegwentement fil-1998/1999 in forza ta'digriet tal-Imhallef Silvio Camilleri ma kienx ordna lill-attur jhallas manteniment lill-martu. Illi ghalkemm kien hemm diversi irgiel li xtaqu jizzewguha, dan qatt ma kien possibbli minhabba vendikazzjonijiet u rikatti da parti tal-attur. Izzid illi mhuwiex minnu li hija finanzjarjament indipendenti kif jalludi l-attur u dana peress illi l-investimenti li kellha fl-Ingilterra ma baqghux jirrendu u kellha tonfoq hafna minnhom biex tmatni lilha nnifisha. Illi qieghda ukoll tirrikorri ghal *hosting* tal-istudenti fix-xhur tas-sajf stante li lanqas hija intitolata ghall-pensjoni. Hija tinnega li l-attur kien jaghmel tajjeb ghall-ispejjes tad-dar u tinsisti illi kienet hi li kienet thallas dawn l-ispejjes. L-intimata tixhed illi hut l-attur kienu gew rawha id-dar u ma tistax tifhem kif qed jixhdu l-kontra. Illi ciononostante, l-intimata tiddikjara illi rnexxilha ssib id-dokumenti antiki u certifikati medici li jinikaw li kienet tqila u li kellha korriment u anke ghamlet *hysterectomy.*

**AS in kontro-ezami nhar is-16 ta' Gunju 2021 (vide fol 312 et seq)** jikkonferma illi minn meta telaq mid-dar matrimonjali ma kellu l-ebda kuntatt mal-intimata u ghalhekk mhuwiex a konoxxenza tal-istat finanzjarju tal-intimata illum u jikkonferma ukoll illi qabel telaq lill-intimata ma kien qalilha b'xejn. L-attur jirrileva illi huwa minnu li kien ha xi oggetti mid-dar meta telaq. Mistoqsi rigward il-korrimenti, l-attur jishaq illi huwa ma jiftakarx u li tul it-tmien snin li damu mizzewgin, l-intimata qatt ma qaltlu li kienet tqila. Lanqas ma jiftakar li kien hadha l-isptar biex isirilha l-*hysterectomy*. Lanqas ma jaf illi kellha l-*fybroids* fl-utru. Jinsisti illi ma jiftakarx illi kien iffirma xi karti fir-rigward il-*hysterectomy.* Ghalkemm fl-affidavit tieghu irrileva illi l-intimata qatt ma tat il-kontribut finanzjarju taghha, fix-xhieda tieghu in kontro ezami jishaq illi ma jistax ikun li qatt ma harget xi cekk, u ma jiftakarx illi kien ha tlett elef lira minghandha fir-rigward il-kumpanija li kellu ma' huh. Fir-rigward is-somma ta' £5000 fejn l-attrici kienet kitbet lill-*Calamatta and Partners* biex dawn inghataw lill-attur, l-attur jirrileva illi ghalkemm ma jiftakarx

li gara, xhed li l-intimata xtrat karozza u kien hu li kien ta il-flus u taghthomlu lura milli kellha investiti barra. Mistoqsi jekk kellux kontijiet bankarji fl-esteru, l-attur jinnega u lanqas ma jiftakar illi dana l-ammont ta' £5000 gie depozitat fil-kont tieghu fl-Ingilterra. L-attur jinnega ukoll illi qatt kien vjolenti versu martu. L-attur jikkonferma illi huwa ghadu ma certu Mary Christine Farrugia u li r-relazzjoni taghhom bdiet hafna snin wara meta hi marret ghandu biex titghallem il-*bridge*. Illi kien minn hemm li qabdu flimkien circa 1994-1996. Ghalkemm jiddikjara illi kien hemm nisa ohrajn qabel ma beda r-relazzjoni tieghu ma' din il-persuna, qatt ma kellu rapporti serji ohra. Illi meta kien jahdem il-Libya kien ghadu mal-intimata.

Mistoqsi ghalfejn telaq hekk habta u sabta mid-dar matrimonjali, l-attur jirrileva illi huwa beda jhoss li l-intimata bdiet tirkbu. Illi fil-bidu taz-zwieg kellu introjtu tajjeb u kienu draw itajjaru l-flus bl-addocc imma imbaghad meta biddel l-impjieg tieghu u beda jaqla paga ferm inqas, kien hemm il-bzonn li juzaw il-flus tal-intimata ukoll u kien hemmhekk li l-affarijiet bdew jinbidlu u marru l-bahar.

**L-attur riprodott in kontro-ezami nhar is-27 ta' Ottubru 2021, (vide fol 321 et seq)** u mistoqsi jekk kienx izomm rendikont tad-dhul mil-kapital tal-intimata, cahad, u il-figuri li hemm in atti huma mill-memorja tal-flus li hareg hu. Jichad illi kienet l-intimata li kienet tohorg il-flus ghall-manutenzjoni u zzammha tad-dar. Stqarr li l-intimata kienet tohrog il-flus biex izomm lilha nnifisha. Jishaq illi l-ewwel erbgha, hames snin kien johorg kollox hu u kien f'dan il-perjodu li l-iktar li saru xoghlijiet fid-dar. Wara l-ewwel hames/sitt snin, l-intimata bdiet tohrog xi flus u kien dan li wassal ghall-ksur taz-zwieg. Izid illi kienu draw f'hajja daqsxejn lussuza u dak iz-zmien is-salarju tieghu ma kienx ilahhaq u allura bdiet tissupplimenta l-intimata, specjalment meta kienu johorgu jieklu peress li kienu johorgu b'mod regolari jekk mhux kwazi kuljum.

Mistoqsi jekk jiftakarx illi kien hemm proceduri ohrajn fejn l-Imhallef Silvio Camilleri kien iddecieda dwar il-manteniment ghall-intimata, l-attur jindika illi ma jiftakarx. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk jiftakarx kienx hemm kawza ohra ta separazzjoni l-attur jirrileva illi kien hemm kawza quddiem l-Imhallef Silvio Camilleri u sa fejn jaf hu kien iddecieda billi ma jakkordax manteniment la hu lilha u lanqas hi lilu minkejja li hu qatt ma talab. Mistoqsi jindika fejn joqghod, l-attur jirrileva illi huwa joqghod il-Gzira wara l-Universita u li dan il-fond xtrah permezz ta' loan fis-sena 2006 u li ormai huwa mhallas. Mistoqsi fuq ir-relazzjoni tieghu ma Mary Christine Farrugia, l-attur jindika illi hija habiba tieghu u ma jghixux flimkien ghalkemm *socially* flimkien u johorgu flimkien. Ilu jafha mill-mid-90s u l-ex-ragel taghha ma kienx kuntent bir-relazzjoni taghhom. Huma kienu iltaqghu meta din is-sinjura kienet giet titghallem il-*bridge* l-iskola tal-

attur. Isostni illi hu ma kienx jafha dak iz-zmien li telaq lill-intimata. L-attur xehed ukoll illi ghalkemm qatt ma kellu rapporti intimi ma' nisa ohra ghajr din is-sinjura, kien hareg ma' xi nisa ohra. Jichad illi kien hemm nisa ohra matul iz-zwieg.

Jishaq illi z-zwieg tal-partijiet tkisser meta ra illi l-intimata baqghet tippretendi illi jghixu bis-salarju tieghu sakemm jispicca l-ahhar sold imbaghad hi tibda tissuplimenta f'dak l-istadju biss.

**L-intimata ES ri-prodotta nhar is-17 ta' Novembru 2021 (vide fol 334 et seq),** tishaq illi l-attur kien oggezzjona ghall-kitba taz-zwieg ghaliex ma riedx jaghmilha izda fl-ahhar kien ceda. L-intimata tikkonferma illi hi kellha 33 meta zzewwget lill-attur u 26 fl-ewwel zwieg taghha u l-ewwel ragel taghha kellu hamsa u tmenin (85) u miet wara hames snin miz-zwieg taghhom. Tirrileva illi hi kienet l-unika eredi peress li ma kellux tfal u kkonfermat illi ma kellha ebda ntenzjoni li tidhol fi zwieg minghajr il-kitba taz-zwieg peress li kienet hallset hafna taxxa fuq il-wirt. Tinsisti ukoll illi lill-intimat kienet taghtu £3000 waqt li kienu *Selfridges*. Mistqosija kif kien ikollha dak l-ammonti fuqha, tispjega illi kienet fuq vaganza. Tafferma illi l-attur kien qallha li hu kien ghamel erbatax – il sena l-Ingilterra fejn anke kien izzewweg u ha id-divorzju imbaghad gie Malta on *sabbatical leave*. Tinsisti ukoll illi l-attur l-ewwel kien jahdem San Alwigi, imbaghad mar jahdem il-*Malta Libyan Institute* u l-ahhar xoghol li kellu kien l-Univerista wara l-Libya.

Mistoqsija rigward il-makkinarju tal-kumpanija tal-attur, l-intimata tinsisti illi hija giet ngannata u li l-magni in kwistjoni ma kellhiex x'tambihom – hi kienet imgielgha tiffirma sabiex tghin lill-attur minhbba kwistjoni ta' hlas ta' bollol. Illi kienet zammithom id-dar biex dawn ma jkunux il-fabbrika f'kaz li jigu xi ufficjali. Mistoqsija ukoll fuq l-*ischolarship* tal-attur u l-penali li kien wehel, l-intimata tirrileva illi l-attur qatt ma qalilha illi kien hemm negozjati biex ihallas inqas ghaliex ma kienx onora it-termini tal-*agreement* tal-*ischolarship.* Fir-rigward il-korrimenti, l-intimata tinsisti illi hija kienet tqila tlett darbiet u tispjega illi fl-ewwel korriment minkejja li kienet qaghdet fis-sodda, kien "hargilha bicca bicca" u korriment minnhom kienu ghamlulha raxkament. Tixhed illi f'korriment minnhom "rajtu mejjet fil-barmil." Tinsisti illi lilu dejjem qaltlu meta kienet tqila. Rigward certu Raymond, l-intimata tinsisti illi dan huwa habib taghha u minkejja li kienet korrteggjata hija baqghet wahidha. Mistoqsija ghalfejn Raymond kien tnizzel fl-*obituary* ta' huha, l-intimata tirrileva illi tnizzel b'rispett ta' huha ghaliex kienu habib tieghu.

**L-intimata ri-prodotta nhar l-20 ta' Jannar 22 in kontro-ezami (vide fol 342 et seq)** tikkonferma illi Ralph Scicluna kien xtaq jizzewigha u li kieku kienet libera kienet tiehu s-separazzjoni imma kienet marbuta miz-zwieg ghall-pensjoni. Tikkonferma illi darba kienet

iltaqghet mal-intimat u kien qalilha illi biex jaghmlu separazzjoni bonarja kellha taghtih LM 10,000 u hi kienet irrifjutat ghax dak kien rikatt u kien ga bizzejjed li hadilha hafna fidda. L-intimata tibqa tinsisti illi l-propposta tal LM 10,000 ghaliha ma kinitx offerta imma *blackmail.* U tikkonferma illi hija sid ta' zewg propjetajiet. Tinsisti illi l-attur l-ewwel sentejn biss hallas ghal hajja mill-paga tieghu u ghall-bini kollox hi halset.

In **ri-ezami** tispjerga illi iz-zewg propjetajiet inxtraw meta l-intimata kienet ghadha f'relazzjoni ma l-ewwel ragel taghha – u t-tieni wahda inxtrat wara z zwieg mal-ewwel ragel.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara li l-partijiet qieghdin jikkontendu illi l-htija ghat-tifrik taz-zwieg taghhom hija unikament imputabbli lill-parti l-ohra. Illi filwaqt li l-attur jishaq illi l-htija ghat-tifrik taz-zwieg huwa unikament tort ta' martu, l-intimata tikkontendi illi z-zwieg taghhom tfarrak minhabba abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi, minaccji, u ingurji gravi kommessi mill-attur fil-konfront taghha.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacific u fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr AS V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u***

> ***insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-

responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

> ***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentjen jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' l-abbandun idum ghal sentejn jew izjed, filwaqt li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba. Fil-*kawza* ***Andrea Avellino vs. Regina Avellino***[2], insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

> ***Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[3] fejn il-Qorti sostniet illi:

> ***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn.***

---

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.
[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta mill-atti illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta'Awwissu 1978 gewwa r-Registru Pubbliku l-Belt Valletta u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 4* tal-att. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhom tfal. Illi qabel gie kuntrattat iz-zwieg, il-partijiet kienu ffirmaw kitba taz-zwieg fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace datat 28 ta' Awwissu 1978, fejn permezz tal-istess huma kienu eskludew il-Komunjoni tal-Akkwisti u ghazlu li z-zwieg taghhom ikun regolat permezz tar-regime tas-Separazzjoni tal-Beni kif jidher mill-kuntratt *a fol 5 et seq.*

Illi mill-assjem tal-provi gie ukoll stabbilit illi l-partijiet ilhom ormai aktar minn tletin (30) sena *de facto* separati u llum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. Illi l-attur *ex admissis* xehed illi ormai ilu f' relazzjoni stabbli ma' mara ohra ghalkemm jirrisjedu f'residenzi separati. Illi l-intimata pprevalixxiet ruhha mid-dritt taghha li tintavola kontro-talba ghat-talbiet tal-attur.

Illi kif accennat aktar qabel il-partijiet ghazlu li jirregolaw iz-zwieg taghhom fir-regime tas-separazzjoni tal-beni u ghalhekk, dak li trid tiddetermina din il-Qorti huwa essenzjalment jekk it-tifrik taz-zwieg tal-partijiet huwiex imputabbli lil parti partikolari u f'dan il-kaz jekk hemmx lok li jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 sa 51 tal-Kodici Civili u l-kwistjoni tal-manteniment u r-restituzzjoni o meno ta' oggetti mobbli.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi mill-assjem tal-provi in atti, minkejja li l-versjonijiet tal-partijiet huma piutost kunfliggenti, din il-Qorti tqis illi entrambi l-partijiet kellhom htija sostanzjali ghaz-zwieg taghhom. Illi din il-Qorti rat illi dan iz-zwieg kien it-tieni zwieg ghall-entrambi l-partijiet, t-tnejn kienu ta' certu eta' u allura ta' certu maturita, meta kkuntrattaw z-zwieg. Jirrizulta illi l-ewwel ftit snin taz-zwieg taghhom, il-partijiet kienu mheddija fil-hajja pjuttost lussuza. Illi jirrizulta pero' illi sakemm entrambi l-partijiet kienu qieghdin idahhlu introjtu sostanzjali kemm mis-salarju tal-attur u mid-*dividends* tal-konvenuta, u sakemm kienu johorgu jieklu barra kwazi kuljum, isiefru u jqattghu l-hin liberu taghhom is-Sibt flghaxija l-*Union Club,* iz-zwieg kien miexi harir.

Illi meta l-paga tal-attur naqset konsideravolment, l-attur pretenda li certu komprensjoni minn martu li ma sabx, u minflok ma pruvaw jilhqu kompromess kif kien misthoqq minn zewg adulti maturi u edukati, ebda kompremess ma ntlahaq u filfatt z-zwieg sfaxxa irremedjabbilment. Illi

ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi entrambi l-partijiet naqsu mid-doveri legali li l-legislatur jimponi fuq il-konjugi.

Illi din il-Qorti taghraf illi l-kemm l-attur u kif ukoll l-intimata naqsu milli jkunu ta' support u konfort ghal xulxin fil-mumenti difficli. Illi din il-Qorti rat illi l-attur kellu d-delizzju fil-loghba tal-*bridge* u ghalhekk dak rilevat mill-attrici fl-affidavit taghha li l-attur kien johrog biex jilghab il-*bridge* u jirritorna tard bil-lejl huwa verosimili u filfatt hija possibbilment l-unika asserzjoni li ma gietx kontradetta. Illi fir-rigward tal-allegati korrimenti subiti mill-intimata, sfortunatament inkartament kliniku tal-intimata ma gietx konfermata minn professjonist waqt li l-attur jinnega l-esistenza ta' xi tqala jew korriment. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx illi ghandha tidhol fi-meritu ta' din il-kwistjoni. Illi fir-rigward tal-vjolenza fizika allegatament perpetrata mill-attur fuq il-persuna tal-intimata, din il-Qorti minkejja li rat ic-certifikat mediku esebit in atti mill-intimata, tirrileva illi dan ic-certifikat ma kienx konfermat mit-tabib in kwistjoni u lanqas ma kien korraborat minn rapport tal-pulizija. Illi minkejja li l-intimat taccenna illi ommha kienet prezenti waqt episodju minnhom, omm l-intimata ukoll giet nieqsa u ghaldaqstant l-intimata ma lehqitx il-livell probatorju rikjest mill-Ligi f'dan ir-rigward.

Illi din il-Qorti osservat illi l-fatt li l-partijiet kellhom is-separazzjoni tal-beni, xi ftit jew wisq, sfat ta' vantagg ghall-entrambi l-partijiet, ghaliex propju minhabba s-separazzjoni tal-beni, tul dawn is-snin kollha li l-partijiet kienu biss *separati de facto*, iz-zewg partijiet setghu facilment jakkwistaw, jbieghu u jixtru kwalsiasi assi minghajr l-involviment tal-konjugi l-iehor. Illi din il-Qorti rat ukoll illi entrambi l-partijiet bnew hajja separata ma' terzi u dan minkejja li l-konvenuta tipprova taghmel ta' bir-ruhha illi Raymond Sammut huwa biss "a good friend." Illi mir-reklam esebit in atti tar-residenza tal-intimata fir-reklam ta' *Sprachcaffe Language School* a *fol 59* tal-atti jidher illi l-imsemmi Sammut huwa l-*partner* tal-intimata u filfatt anke tnizzel mal-istess intimata fl-*obituary section* li saret mill-familjari tal-istess intimata meta huha ghaddha ghall-hajja ohra.

**Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi entrambi l-partijiet huma responsabbli b'mod indaqs ghat-tifrik taz-zwieg taghhom.**

Illi l-Qorti rat illi fil-kontro-talba taghha, l-intimata talbet illi jigu applikati id-dispozzizjonijiet tal-artikolu 48 sa 51 tal-Kodici Civili kontra l-attur. Illi l-attur ma ghamel l-ebda talba simili. Illi fir-cirkostanzi din il-Qorti ma tqisx illi ghandha tapplika dawn id-dispozizzjonijiet fil-konfront tal-attur ghaliex tqis illi bejn iz-zewg partijiet l-intimata bin-natura rejbgha taghha kienet tahti ferm aktar minn zewgha fit-tifrik taz-zwieg.

***Manteniment:***

Ghajr il-versjonijiet totalment kunfliggenti tal-partijiet fir-rigward ta' min hu hati ghat-tifrik taz-zwieg taghhom, il-kwistjoni tal-manteniment, hija l-akbar materja kontenzjuza fil-kawza *de quo.* Illi din il-Qorti taghraf illi l-partijiet huma t-tnejn anzjani, fejn l-attur qieghed jippercepixxi pensjoni fl-ammont ta' kwazi elf ewro. Da parti taghha, l-intimata qatt ma hadmet u ghalhekk mhijiex intitolata ghall-pensjoni kif xehdet hija stess fl-affidavit taghha.

Illi minkejja li l-intimata fit-testimonjanza taghha insistiet diversi drabi illi fil-passat kienet diga' ghamlet talba ghall-manteniment, din il-Qorti rat illi effettivament tul dawn l-ahhar tletin sena, l-intimata kienet finanzjarjament indipendenti, qatt ma harget tahdem, u kienet tistrieh fuq id-*dividends* li hija kienet tircievi fuq il-flus li hija kellha investiti gewwa l-Ingilterra, flus li hija kienet wirtet minghand l-ewwel ragel taghha, zwieg kkuntrattat meta dan ir-ragel kellu hamsa u tmenin sena (85), waqt li l-intimata kellha sitta u ghoxrin sena (26). Il-konvenuta xehdet illi dawn id-*dividends* kienet hadu daqqa ta' harta u li llum spiccaw. Il-Qorti tinnota li ebda prova ta kif "spiccaw" dan id-*dividends* ma tressqet mill-intimata. Di piu', l-intimata ghandha t-tieni proprieta' li qed tirrendi introjtu billi qed tikriha lil studenti

Fil-kawza fl-ismijiet "Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri" deciza fit-28 ta' Novembru 2002 intqal illi:

> ***"l-obbligi ta' manteniment tal-konjugi huma regolati bl-artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :- "Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi talfamilja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet Catherine Mifsud vs Louis Mifsud deciza fil-25 ta' Ottubru 2013 irrilevat illi:

> ***Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm ilbzonn (l-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta' min qed jitolbu).***

Illi filfatt l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> ***20.(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' minjitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħufl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħumogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sewmobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persunali titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunxaxxendent jew dixxendent.***
>
> ***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jewimmobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, tenut kont tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20(1) u 20(5) illi gialadarba l-konvenuta hija l-propjetarja ta' mhux biss residenza wahda izda tnejn f'p*rime location,* u li indubjament ghandhom valur sostanzjali fuq is-suq, l-attur m'ghandux jigi ordnat jivversa manteniment lill-konvenuta. Illi meta din il-Qorti qieset il-mezzi tal-intimata, l-introjtu li tippercepixi minghand *Sprachcaffe Language School* bhala *host family* u l-beni li jappartjenu lilha, ma tqisx illi l-intimata hija ntitolata ghall-manteniment minghand l-attur ghax il-Qorti hija perswasa mill-provi migjuba illi l-introjtu tal-intimata jizboq bil-kbir il-penzjoni li jippercepixxi l-attur.

***Restituzzjoni:***

Illi din il-Qorti rat illi ghajr it-talba sabiex din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn

il-partijiet, l-unika talba ohra hekk kif dedotta fir-rikors promotur mill-attur kienet sabiex il-konveuta tigi ordnata trod lura l-arlogg tat-tip *Hunter's watch* flimkiem mal-katina tad-deheb tieghu lill-attur. Illi mit-testimonjanzi tal-partijiet jidher illi dana l-arlogg inxtara minn *Harrods* Londra fl-4 ta' Jannar 1985 ghall-prezz ta' £715.50. jidher illi dan l-arlogg ghandu sinifikat qawwi ghal-attur u ghandu jigi ritornat lilu fiz-zmien xahar minn din is-sentenza.

Illi minn naha l-ohra u fir-rigward l-affarijiet li l-attur ha mid-dar tal-intimata dakinhar illi huwa telaq mid-dar matrimonjali, l-attur *ex admissis* fix-xhieda tieghu, iddikjara *viva voce* illi dakinhar hu ha xi affarijiet li kienu jappartjenu lill-intimata. Illi filfatt l-attur fix-xhieda tieghu jaghmel referenza ghal xi pozati li fil-fehma tieghu ma kienu jiswew xejn, flimkien ma' d*esk jar*. (Vide affidavit a fol 40 et seq) Illi ukoll l-ittra miktuba mill-attur u esebita mill-attrici *a fol 264,* hija ukoll prova ohra ta' dan. Illi filfatt fl-ittra l-attur kiteb *" I only removed these items to give me a little bargaining power restoring what is rightfully mine."* Il-Qorti rat illi l-intimata pero **ma ghamlitx talba ghar-ritorn ta' dawn l-oggetti la fir-risposta wisq anqas fil-kontro-talba taghha**.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi S ghal ragunijiet imputabbli lill-entrambi l-partijiet u tawtorizza lill-partijiet jghixu hajja separatament minn xulxin;**
2. **Tilqa' it-tieni talba u tordna l-intimata tirritorna l-arlogg tal-ghamla "Hunter's Watch" u l-katina tieghu fi zmien xahar millum;**
3. **Tichad it-talba tal-intimata rikonvenzjonata ghall-manteniment da parti tal-attur;**
4. **Tichad ir-rikjesta tal-intimata li tirrizulta fix-xhieda taghha ghal ritorn ta' oggetti indikati stante li l-intimata ma ghamlitx talba ghar-ritorn ta' dawn l-oggetti la fir-risposta guramentata taghha wisq anqas fil-kontro-talba taghha.**

5. **Tawtorizza lill-partijiet sabiex jirregistraw din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

6. **Tastejni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba rikonvenzjonata in vista tal-ewwel decide u tichad it-tieni u t-tielet talba rikonvenjonata waqt li tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**

***U b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2022, id-data ghandha tinqara 16 ta' Novembru 2022.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**